## Aġġornament fit-Taħdit/il-Proġett bil-Malti fis-Sekondarja

## (Ippubblikat fl-2014)

## It-Tieni Sena

### Daħla

L-għalliema kollha tal-Malti fl-iskejjel sekondarji tal-Istat huma mitluba li jaqraw sewwa dan l-aġġornament tas-sillabi tal-Malti fejn jidħlu l-proġetti, it-taħriġ u l-assessjar fil-ħila tat-taħdit.

**Il-proġetti bħala preżentazzjoni ta' materjal riċerkat u ppreżentat lill-għalliema fil-format stampat biex jiġi kkoreġut u mogħti marka ser jispiċċaw u m'għandhomx jibqgħu jingħataw.**

L-assessjar tat-taħdit fl-ewwel sentejn tas-sekondarja ser ikun formalizzat u stabbilit skont kriterji uniformi għall-iskejjel kollha filwaqt li ser jiddaħħal it-taħriġ kontinwu tul is-sena u l-assessjar tiegħu anke fit-tielet u r-raba' sena.

Fil-ħames sena jinżamm il-format u l-istruttura stabbilita mis-sillabu taċ-ĊES tal-Malti.

### It-Taħdit

It-taħdit għandu jingħata importanza fil-lezzjonijiet tal-Malti. Meta ngħidu taħdit nifhmu li l-istudenti jkollhom il-kompetenzi varji meħtieġa biex jikkomunikaw skont u fid-diversi ċirkostanzi tal-ħajja li fihom iridu jinqdew bil-lingwa biex jikkomunikaw. Fost dawn il-kompetenzi l-istudenti jridu jkunu kapaċi jirrakkuntaw storja jew aħbar/ijiet lil udjenza, jirreċtaw, jistaqsu, jiddrammatizzaw, jargumentaw b'konvinzjoni, jintervistaw, jispjegaw u jwasslu l-opinjoni tagħhom. Bosta drabi dan kollu jista' jsir aktar attraenti u interessanti bl-għajnuna li toffri t-teknoloġija jew il-karta stampata meta użati b'mod kreattiv u intelliġenti taħt il-gwida tal-għalliema.

Għaldaqstant l-għalliema għandhom joffru taħriġ u istruzzjoni kontinwa lill-istudenti tagħhom biex jirnexxielhom irawmu, jiksbu u jissaħħu f'dawn il-kompetenzi neċessarji għall-ħajja billi jiddedikaw regolarment lezzjonijiet jew parti mil-lezzjoni għall-kisba ta' dawn il-kompetenzi.

### L-aġġornament tat-taħdit – b'seħħ minn Settembru 2014

L-għalliema ser isibu f'dawn il-linji gwida żewġ temi għal kull sena, mill-ewwel sar-raba' sena. L-ewwel tema tkun assessjata għall-eżami ta' Frar filwaqt li t-tieni tema tkun għall-annwal ta' Ġunju.

Ma' kull tema hemm marbutin għadd ta' aspetti differenti. L-għalliema għandhom jiddedikaw lezzjoni jew aktar skont il-ħtieġa li jkollhom biex jispjegaw u jiddiskutu mal-

istudenti t-tema u l-aspetti varji tagħha. Jista' jkun li jinħarġu aspetti oħra li jekk l-għalliema jidhrilhom li huma validi u jorbtu mat-tema ewlenija għandhom jinkluduhom ukoll.

L-istudenti għandhom jingħataw il-possibiltà li jaħdmu waħidhom, fi gruppi ta' tnejn jew tlieta. Mhux rakkomandat li jkun hemm gruppi akbar għaliex kull membru tal-grupp irid jipparteċipa b'mod attiv kemm fil-preparazzjoni kif ukoll fil-preżentazzjoni orali biex ikun assessjat. Gruppi akbar minn tlieta jkunu diffiċli biex wieħed jassessja b'mod ġust lil kulħadd u għalhekk għandhom ikunu evitati.

Kull student/grupp għandu jagħżel aspett tat-tema ewlenija biex jirriċerka fuqu. L-għalliema għandhom jaraw li l-aspetti kollha jittieħdu u kemm jista' jkun ma jkunx hemm gruppi jew individwi qed jaħdmu fuq l-istess aspett. Fejn ikun meħtieġ, l-għalliema jistgħu jaqsmu xi aspett/i fi tnejn jew aktar.

L-istudenti għandhom jagħmlu riċerka u jiġbru materjal marbut mal-aspett li jkunu għażlu. Huma jistgħu jinqdew b'sorsi stampati kif ukoll b'diġitali, awdjoviżivi jew minn fuq l-internet. L-għalliema għandhom jgħallmu lill-istudenti kif u fejn ifittxu l-materjal relevanti u wara li jaqrawh, jagħrfu jagħżlu minnu dak li jidhrilhom meħtieġ għall-preżentazzjoni fil-klassi.

L-istudenti jridu jippreżentaw ir-riċerka tagħhom quddiem il-klassi waqt lezzjoni jew parti minnha ddedikata għall-assessjar tat-taħdit. L-għalliema għandhom jaraw li jqassmu l-preżentazzjonijiet fuq medda ta' lezzjonijiet u mhux kollha jsiru f'lezzjoni waħda biex l-istudenti ma jiddejqux u jitilfu l-interess.

Kull preżentazzjoni m'għandhiex tieħu aktar minn ħames minuti. L-istudenti jistgħu u għandhom jiġu mħajra jużaw it-teknoloġija biex iwasslu l-preżentazzjoni tar-riċerka tagħhom. Madankollu l-istudenti għandhom jitħallew fil-libertà biex jagħżlu huma kif u f'liema format jagħtu l-preżentazzjoni u m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fl-għoti tal-marki favur dawk li jużaw it-teknoloġija/i moderni meta mqabbla ma' min jiddeċiedi li juża l-mezzi tradizzjonali stampati.

L-assessjar għandu jsir skont lista ta' kriterji li jevalwaw il-ħila tal-istudent fil-kompetenzi tiegħu li jitħaddet bil-Malti b'mod mexxej u korrett. Jingħataw ukoll marki għar-riċerka u l-preżentazzjoni tal-kontenut. Għall-galvu li jista' jintuża bil-kriterji tal-assessjar ara Appendiċi 2.

**L-Assessjar tat-Taħdit**

It-taħdit tal-istudenti mill-ewwel sar-raba' sena tas-sekondarja ser jibda jkun assessjat darbtejn fis-sena: f'Jannar u l-marka tkun 10 fil-mija (%) tal-eżami ta' nofs is-sena (ta' Frar) filwaqt li jkun hemm it-tieni sessjoni f'Mejju u l-marka tkun ukoll ta' 10 fil-mija (%) tal-eżami

annwali (ta' Ġunju). Il-marka titniżżel fuq quddiem tal-karta tal-kitba fejn ikun hemm it-tabella tal-marki tal-ħiliet kollha.

It-taħdit tal-istudenti tal-ħames sena ser isir darba biss, fl-eżami annwali tagħhom li jsir fi Frar u jkun imqassam skont kif stabbilit fis-silllabu taċ-ĊES.

Appendiċi 1 hu maħsub bħala għajnuna għall-għalliema u qed jingħata bħala galvu biex jinżamm rendikont tal-kriterji li bihom jiġu assessjati l-istudenti u tal-marki miksuba fil-preżentazzjonijiet fil-klassi. Hu rakkomandat li l-għalliema jżommu rendikont tat-taħriġ kollu u l-assessjar tat-taħdit li jkun sar fil-klassi b'mod strutturat fil-pjan u rekord ta' ħidma (scheme/record of work) tagħhom. Għal dan il-għan jista' jintuża dan il-galvu jew ieħor/oħrajn simili skont kif jidhrilhom l-għalliema biex meta mitluba jagħtu rendikont ċar tal-attivitajiet tat-taħdit li jkunu għamlu mal-klassi.

**Xi linji gwida fuq il-preżentazzjoni tal-istudenti fil-klassi**

- L-ebda student m'għandu jiġi skużat milli jagħmel dawn il-preżentazzjonijiet jekk mhux abbażi ta' rapport u rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti/INCO tal-iskola. Dawn għandhom jiġu mmarkati SKUŻAT/A u ma jingħataw l-ebda marka.
- Studenti li ma jagħmlux dawn il-preżentazzjonijiet m' għandhomx jingħataw marki fl-eżami u titniżżel 0 fit-tabella taħt il-ħila tat-taħdit. Min ikun nieqes għall-preżentazzjoni tiegħu jista' jagħmilha f'data oħra skont kif jiddeċiedi l-għalliem/a tal-klassi.
- L-għalliema għandhom jispjegaw sewwa l-għan u s-suġġett tal-preżentazzjoni biex l-istudenti jkunu ffukati u konċiżi.
- L-għalliema jridu jfiehmu sewwa li l-miri ewlenin li ser ikunu assessjati fil-preżentazzjoni huma t-taħdit u l-kontenut marbut mat-tema.
- L-istudenti jeħtieġ li jiġu mgħallma u mħarrġa kif ifittxu fuq l-internet/ fil-kotba u kif jagħżlu l-materjal relevanti u wara li jaqrawh, jippreparawh biex jitħaddtu fuqu u jwassluh lil ħaddieħor.
- L-istudenti għandhom jiġu mgħallma u mħarrġa minn qabel kif jitkellmu bil-mod u li jiftiehem mill-udjenza. Għandu jingħata kull spazju u sapport mill-għalliema lill-istudenti biex joħorġu l-kreattività tagħhom fil-preżentazzjonijiet li jagħtu.
- L-għalliema għandhom jaraw li jirranġaw l-ambjent tal-klassi biex ikun xieraq u ta' għajnuna għall-istudenti li jkunu ser jagħmlu l-preżentazzjoni. Biex l-attività tirnexxi jrid ikun hemm tħejjija u ħsieb sewwa minn qabel, speċjalment jekk ikun ser jintuża apparat teknoloġiku.
- Il-preżentazzjoni tista' ssir fuq bażi individwali jew fi grupp (ta' mhux aktar minn 3 studenti). Jekk fi grupp, kull membru jrid jidentifika s-sehem tiegħu fir-riċerka u l-produzzjoni tal-preżentazzjoni.

- Waqt il-preżentazzjoni kull membru tal-grupp irid jitkellem f'xi ħin jew ieħor u l-għalliema għandhom jaraw li jkollhom biżżejjed ħjiel fuq il-kompetenzi ta' kull student/a biex jassessjawh/a skont il-kriterji stabbiliti.
- L-għalliema għandhom jaraw huma l-aħjar mod kif iqassmu l-preżentazzjonijiet biex isiru kollha fil-klassi u jiġu assessjati kif jixraq.
- Il-preżentazzjoni m'għandhiex tieħu aktar minn 5 minuti u jekk tintuża l-ppt ma jkunx fiha wisq slajds (madwar 10).
- Wara kull preżentazzjoni, jekk l-għalliema jħossu l-bżonn, jistgħu flimkien mal-klassi jagħmlu analiżi u diskussjoni fuq dak li jkun ġie ppreżentat – dejjem bil-għan aħħari li l-istudenti jitħarrġu fit-taħdit.
- Il-preżentazzjoni m'għandhiex tieħu l-forma ta' taħdita moqrija minn fuq test imħejji minn qabel. L-għalliema għandhom iħejju lill-istudenti biex fit-taħdit ikunu kapaċi jitkellmu fuq dak li jkunu rriċerkaw u mhux jirriċiklaw dak li jkunu qraw. Għalhekk l-għalliema m'għandhomx jaċċettaw li studenti jaqraw l-informazzjoni li jkunu sabu waqt il-preżentazzjoni imma jgħiduha fi kliemhom.
- L-istudenti jista' jkollhom xi noti qosra li jgħinuhom waqt il-preżentazzjoni imma mhux jaqraw direttament lilhom.
- L-għalliema għandhom iħajru lill-istudenti (imma mhux jobbligawhom) biex jużaw mezzi teknoloġiċi u kreattivi bħall-powerpoint, filmati, rikordings, reċti, mima, drama. Jekk jinkiteb skript, waqt il-preżentazzjoni dan għandu jingħad u mhux jinqara. Jekk tkun narrazzjoni għandha tkun miktuba minn qabel imma waqt il-preżentazzjoni tingħad u mhux tinqara.
- L-istudenti jistgħu jagħmlu t-taħdita tagħhom billi jużaw il-mezzi tradizzjonali bl-għajnuna ta' ċarts, leħħiet, stampi kbar, kartonċin, mudelli u oħrajn.
- L-għalliema għandhom jiggwidaw lill-istudenti li jużaw il-mezzi teknoloġiċi/ tradizzjonali biex jaraw li dawn ikunu addattati u jidhru sewwa fuq il-bord interattiv/tal-avviżi; li jkollhom stampi kbar u li jidhru ċari; li jkun fihom ftit kliem u jinqara sew anke minn wara tal-klassi u li jkunu miktuba b'Malti tajjeb u bla żbalji ortografiċi.
- L-għalliema jagħmlu tajjeb jekk jiċċelebraw ix-xogħol u r-riċerka tal-istudenti billi jtellgħuhom fuq xi sit elettroniku (tal-iskola u/jew tad-Dipartiment tal-Malti fuq malti.skola.edu.mt billi jgħadduhom lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti/Uffiċjal Edukattiv tal-Kulleġġ tagħhom) jew fuq il-bords tal-iskola **IMMA** qabel jesponuhom għandhom jaraw li jkunu miktuba b'Malti tajjeb u bla żbalji ortografiċi. L-iżbalji jridu jiġu identifikati mill-għalliema u rranġati mill-istudenti qabel ma jintwerew fil-pubbliku.
- Il-preżentazzjoni tiġi assessjata fuq il-kriterji stabbiliti apposta u mehmuża ma' dawn il-linji gwida bħala Appendiċi 1.
- L-għalliema huma mistennija li jżommu kopja tal-marki mogħtija fil-fajl tagħhom u jistgħu jużaw il-galvu pprovdut bħala Appendiċi 2.

**Tabella bit-Temi għat-Taħdit fil-Malti**

**Mill-Ewwel sal-Ħames Sena tas-Sekondarja**

| | **Temi għall-eżami ta' nofs is-sena (Frar - 10% tal-eżami)** | **Temi għall-eżami annwali (Ġunju - 10% tal-eżami)** |
|---|---|---|
| **L-Ewwel Sena (il-Livelli kollha)** | Il-Leġġendi Maltin u Għawdxin | Il-Folklor Malti |
| **It-Tieni Sena (il-Livelli kollha)** | Il-Ħrejjef Maltin | Nies Maltin u Għawdxin Magħrufa |
| **It-Tielet Sena (ir-Rotot kollha)** | Temi kurrenti | Ir-Rumanz Malti |
| **Ir-Raba' Sena (ir-Rotot 2 u 3)[1]** | Il-Malti: Ilbieraħ u llum | Nies li ħadmu favur il-Malti |
| **Il-Ħames Sena (ir-Rotot 2 u 3)[1]** | Skont is-sillabu taċ-ĊES 2015 | |

[1] L-istudenti li qegħdin fi programmi differenti, jiġifieri tas-CCP / f'Rotta 1 għandhom isegwu l-istruzzjonijiet tal-programmi tagħhom u t-temi tat-taħdit li hemm fihom. Jekk ikun hemm xi studenti li minkejja li qegħdin f'Rotta 1 ikunu jixtiequ jagħmlu l-eżami taċ-ĊES, l-għalliema jistgħu jagħtuhom jagħmlu l-preżentazzjonijiet bħal dawk tal-istudenti ta' Rotta 2 u 3.

**It-Tieni Sena**

**1. Il-Ħrejjef Maltin**

Wara li l-għalliema jagħtu definizzjoni ta' x'inhi ħrafa, l-istudenti jitlaqqgħu ma' xi ħrejjef popolari Maltin u Għawdxin permezz tal-irrakkuntar, il-qari, il-filmati u l-preżentazzjonijiet viżivi. Wara l-istudenti jintalbu jagħmlu riċerka u jidentifikaw ħrafa li għoġbithom l-aktar u wara jagħmlu preżentazzjoni fuqha fil-klassi quddiem sħabhom. L-għalliema għandhom, flimkien mal-istudenti, jikkordinaw l-għażla tal-ħrejjef li ser ikunu ppreżentati biex ma jkunx hemm repetizzjonijiet tal-istess ħrafa. Importanti ħafna li l-għalliema jaraw li l-ħrejjef li jagħżlu l-istudenti jkunu ħrejjef Maltin u ma jinkludux ħrejjef popolari barranin bħal dawk ta' Esopu. Il-preżentazzjoni tista' tieħu suriet diversi fosthom il-mima, id-drama, l-irrakkuntar megħjun minn preżentazzjoni viżiva. L-għalliema għandhom jinkoraġġixxu lill-istudenti biex ikunu kreattivi fil-mod kif iwasslu l-preżentazzjoni tagħhom.

Referenza għar-riċerka:

Kotba b'ġabriet ta' ħrejjef bħal dawk ta' Patri Manwel Magri, Trevor Żahra, Ġorg Mifsud-Chircop, Aldo Farini, tradott għall-Malti minn Ġużè Chetcuti, u oħrajn.

Lista ta' ħrejjef popolari Maltin li jistgħu jintużaw:

- L-għasfur li jgħanni
- Ix-xiħ midfun ġol-għar
- Tifla teqred ġganta
- Is-seba' tronġiet mewwija
- Id-dragun draganti
- Tifel jeqred disa' ġganti
- Il-ġgant u l-iskarpan
- Is-siġra tat-tin
- Il-ħrafa tax-xhur
- Ħaġa moħġaġa lil bint is-sultan
- Is-sultan kibritlu għadma
- Ix-xini jimxi fl-art

**2. Nies Maltin u Għawdxin Magħrufa**

L-għalliema flimkien mal-istudenti jidentifikaw persuni (ħajjin u mhux) li għamlu isem f'xi qasam partikulari tas-soċjetà Maltija. L-istudenti jagħżlu li jirriċerkaw fuq din il-persuna u jagħmlu preżentazzjoni fuqha. Fil-preżentazzjoni għandha tingħata bijografija qasira tal-persuna b'aċċenn speċjali fuq il-ħidma u l-kisbiet tagħha fil-qasam partikulari. Il-preżentazzjoni tista' tieħu formati u suriet varji u interessanti bħal intervista diretta fil-klassi jew irrekordjata (jekk il-persuna tkun għadha ħajja) li tintwera fil-klassi, intervista 'fittizja' fejn l-istudenti bejniethom jirreċtaw l-intervista mal-persunaġġ jekk dan ikun mejjet, mima/reċta tal-ħajja u l-ħidma tal-personaġġ u oħrajn. L-għalliema għandhom jaraw li l-istudenti jagħżlu kemm jista' jkun oqsma u persuni differenti (kemm irġiel kif ukoll nisa) biex

ma jkunx hemm repetizzjoni tal-istess informazzjoni. Għall-preżentazzjonijet jistgħu jinstabu nies magħrufa mill-qasam:

- tal-isport
- tal-mużika
- tal-arti
- tal-industrija
- tal-politika
- tax-xandir bit-televiżjoni u r-radju
- tad-drama u t-teatru
- tal-letteratura (poeta jew kittieb)
- tal-volontarjat

**Appendiċi 1**

**Il-Kriterji għall-Assessjar tat-Taħdit**

| **Il-Kriterji tal-Assessjar** | **Il-Marki** |
|---|---|
| **Il-kompetenza fit-taħdit:** Jitkellem b'Malti mexxej, idjomatiku u b'kunfidenza quddiem udjenza; taħdit jinftiehem sewwa, ċar u b'konvinzjoni; faċli ssegwi li jingħad u jżommok attent. | **0 1 2** |
| **Il-ħila fl-użu tal-Malti:** Ħakma tajba u varjata tal-lessiku marbut mat-tema; jitkellem b'korrettezza grammatikali u ftit li xejn jiżbalja; għażil xieraq tal-kelma f'waqtha. | **0 1 2** |
| **L-istruttura tad-diskors:** Struttura ta'diskors b'sentenzi mħallta u mgħaqqda tajjeb bejniethom; ftit li xejn ideat ripetuti imma jibnu fuq xulxin; bdil naturali fit-ton tad-diskors skont il-ħtieġa. | **0 1 2** |
| **Il-kontenut ippreżentat:** Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta tal-aspett li turi li saret riċerka ddettaljata; sekwenza tajba tal-fatti mogħtija; mogħtija wkoll il-fehmiet tal-kelliema. | **0 1 2** |
| **Il-materjal ippreżentat:** Kwalità tajba ta' stampi u riżorsi oħra li għenu fil-fehim tal-kontenut; materjal li jaqbel u jagħmel it-tema aktar ħajja u interessanti; bla żbalji tal-ortografija. | **0 1 2** |

**Appendiċi 2 Il-Galvu taż-Żamma tal-Marki tat-Taħdit**

## L-Assessjar tal-Preżentazzjoni tat-Taħdit bil-Malti

**Id-data tal-preżentazzjoni:** ______________________________ **Is-sena:** 1 2 3 4

**It-tema:** ___________________________ **L-aspett:** ______________________________________

**L-iskola u l-kulleġġ:**__________________________________________________________________

**Il-klassi:** ________________________________ **L-għalliem/a:** ____________________________

**L-istudent/i:** 1. _____________________________ 2. ________________________________

3. _____________________________

| Il-kriterji tal-assessjar | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|
| **Il-kompetenza fit-taħdit:** Jitkellem b'Malti mexxej, idjomatiku u b'kunfidenza quddiem udjenza; taħdit jinftiehem sewwa, ċar u b'konvinzjoni; faċli ssegwi li jingħad u jżommok attent. | 0 1 2 | |
| **Il-ħila fl-użu tal-Malti:** Ħakma tajba u varjata tal-lessiku marbut mat-tema; jitkellem b'korrettezza grammatikali u ftit li xejn jiżbalja; għażil xieraq tal-kelma f'waqtha. | 0 1 2 | |
| **L-istruttura tad-diskors:** Struttura ta'diskors b'sentenzi mħallta u mgħaqqda tajjeb bejniethom; ftit li xejn ideat ripetuti imma jibnu fuq xulxin; bdil naturali fit-ton tad-diskors skont il-ħtieġa. | 0 1 2 | |
| **Il-kontenut ippreżentat:** Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta tal-aspett li turi li saret riċerka ddettaljata; sekwenza tajba tal-fatti mogħtija; mogħtija wkoll il-fehmiet tal-kelliema. | 0 1 2 | |
| **Il-materjal ippreżentat:** Kwalità tajba ta' stampi u riżorsi oħra li għenu fil-fehim tal-kontenut; materjal li jaqbel u jagħmel it-tema aktar ħajja u interessanti; bla żbalji tal-ortografija. | 0 1 2 | |
| **Total minn 10 marki** | __________ | ________________________ **Firma tal-għalliem/a** |